

Brussell, 7 ta' Lulju 2026
(OR. en)

8279/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0077(NLE)

RECH 171
COASI 68

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Ġappun, min-naħa l-oħra, dwar il-partekipazzjoni tal-Ġappun fil-programmi tal-Unjoni

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

**dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja
tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda,
u l-Ġappun, min-naħa l-oħra,
dwar il-parteciċipazzjoni tal-Ġappun fil-programmi tal-Unjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 186 u 212 flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Permezz ta' ittra datata l-1 ta' April 2022, il-Ġappun esprima l-interess formali tiegħu li jiġi assoċjat ma' Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021-2027) stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 2021/695¹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (“il-Programm Orizzont Ewropa”).
- (2) Fil-15 ta' Mejju 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2023/1081² li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Ġappun għal ftehim dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Ġappun fil-programmi tal-Unjoni u dwar l-assoċjazzjoni tal-Ġappun mal-Programm Orizzont Ewropa.
- (3) In-negozjati tlestew u l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Ġappun, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tal-Ġappun fil-programmi tal-Unjoni (“il-Ftehim”) ġie inizjalat fit-22 ta' Diċembru 2025.

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/695/oj>).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1081 tal-15 ta' Mejju 2023 li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Ġappun għal ftehim dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Ġappun fil-programmi tal-Unjoni u dwar l-assoċjazzjoni tal-Ġappun ma' Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021-2027) (ĠU L 144, 5.6.2023, p. 58, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1081/oj>).

- (4) L-objettivi tal-Ftehim huma li jiġi stabbilit qafas dejjiemi għall-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Ġappun u li jiġu stabbiliti t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Ġappun fil-programmi tal-Unjoni li jinfetħu għall-parteċipazzjoni tiegħu f'konformità mal-atti bażiċi li jistabbilixxu l-programmi tal-Unjoni kif definiti fil-Ftehim. Bħala tali, l-għan tal-Ftehim huwa li jippermetti lill-Unjoni twettaq miżuri ta' kooperazzjoni mal-Ġappun skont l-Artikolu 212 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
- (5) Skont l-Artikolu 3(1) tal-Ftehim, il-Ġappun jista' jipparteċipa fil-programmi u fl-attivitajiet tal-Unjoni, li huma miftuħin għall-parteċipazzjoni tiegħu, f'konformità mal-atti bażiċi u kif koperti mill-Protokolli għall-Ftehim.
- (6) Skont l-Artikolu 3(2) tal-Ftehim, it-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi għall-parteċipazzjoni tal-Ġappun fil-Programm Orizzont Ewropa huma stipulati fil-Protokoll dwar l-assoċjazzjoni tal-Ġappun ma' Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2021-2027) tal-Ftehim (il-“Protokoll”).
- (7) F'konformità mad-direttivi ta' negozjati tal-Kunsill, li waslu mingħand il-Kunsill, il-Protokoll ġie nnegozjat b'mod parallel mal-Ftehim u, skont l-Artikolu 17(9) tal-Ftehim, jiffirma parti integrali minnu. Il-Ġappun jassoċja ruħu mal-Pilastru II “Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali Ewropea” tal-Programm Orizzont Ewropa.
- (8) Il-Ġappun jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 16(1), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2021/695.

- (9) Il-Ftehim jikkonforma mal-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) 2021/695, li jirrikjedi li l-assoċjazzjoni mal-Programm Orizzont Ewropa tal-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 16(1), il-punt (d), ta' dak ir-Regolament tkun f'konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fi ftehim li jkopri l-parteċipazzjoni ta' dak il-pajjiż jew dak it-territorju fi kwalunkwe programm tal-Unjoni, dment li dak il-ftehim jiżgura bilanċ ġust fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji tal-pajjiżi terzi li jkun qed jipparteċipa fil-programmi tal-Unjoni, jistabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, inkluż il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-programmi individwali, u l-kostijiet amministrattivi tagħhom, ma jagħtix lill-pajjiżi terzi kwalunkwe setgħa ta' teħid ta' deċiżjonijiet fir-rigward tal-programm tal-Unjoni, u jiggarrantixxi d-drittijiet tal-Unjoni li tiżgura ġestjoni finanzjarja tajba u li tiproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.
- (10) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni.
- (11) Bil-għan li tiġi żgurata kooperazzjoni f'waqtha bejn l-Unjoni u l-Ġappun fil-qasam tar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni u li tiġi permessa l-parteċipazzjoni tal-entitajiet Ġappuniżi fil-Programm Orizzont Ewropa bl-istatus ta' entitajiet minn pajjiż assoċjat, jenħtieġ li l-Ftehim jiġi applikat fuq bażi proviżorja, sakemm jitlestew il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Ġappun, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tal-Ġappun fil-programmi tal-Unjoni (il-“Ftehim”) huwa b’dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim⁺.

Artikolu 2

1. Il-Ftehim għandu jiġi applikat fuq bażi proviżorja, f’konformità mal-Artikolu 17(2) tal-Ftehim, u soġġett għan-notifiki previsti fih, sakemm jidħol fis-seħħ.
2. Id-data li minnha l-Ftehim għandu jiġi applikat fuq bażi proviżorja għandha tkun ippubblikata f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

⁺ It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fil-ĠU L, ..., ELI ...